## 19 ta' Ottubru, 1955

## Imħallef:

## Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppa Darmanin pr. et ne.

*versus*

Avukat Dr. Riccardo Farrugia et. ne.

**Separazzjoni Personali—Awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla — Kuraturi "ex officio" — Assenza — Bandi —Notifika — Nullità**

*Kawża ta' separazzjoni personali ma tistax issir mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.*

*Imma meta l-parti li trid tiġi notifikata bir-rikors li jsir mill-parti l-oħra għall-otteniment ta' dik l-awtorizzazzjoni tkun assenti minn dawn il-Gżejjer, in-nomina ta' kuraturi "ex-officio" biex jirrappreżentaw il-parti assenti f'dak ir-rikors hija inopportuna u ta'*

*ebda utilità prattika, u hija nulla; salvo li l-assenti jiġi rapprezentat minn kuraturi li jiġu nominati mill-Qorti Kontenzjuża fil-kawża tas-separazzjoni li ssir wara l-ottenithent tal-imsemmija awtorizzazzjoni.*

*In-nomina tal-kuratur "ex officio" hija wkoll nulla jekk il-bandu għall-deputat ta' kuraturi ma jiġi notifikat lil ħadd.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, billi l-imsemmi żewġha Salvatore Darmanin irrenda ruħu responsabbli versu l-attriċi ta' adulterju, servizji, eċċessi u nġurji gravi, kif ukoll ħalla lill-attriċi u lit-tfal komuni, l-imsemmijin Roland u Guido Darmanin, mingħajr manteniment; talbet li, għar-raġunijiet fuq indikati, (1) tiġi minn dina l-Qorti pronunzjata s-separazzjoni personali tagħha mill-imsemmi Salvatore Darmanin minħabba ħtija tiegħu, billi l-attriċi tiġi awtorizzata tgħix separata minnu ......; bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-proċedura tas-Sekond'Awla;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi, li biha qalu li: —

1. Preliminarment, in-nomina tagħhom hija nulla bħala kuraturi;

2. Fil-meritu, u mingħajr preġudizzju, huma mhumiex edotti mill-fattijiet li taw lok għaċ-ċitazzjoni; u rriżervaw li jagħtu kull eċċezzjoni malli jkunu jafu aħjar il-fatti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 87 tal-Kap. 15, il-kuraturi "ex officio" huma maħtura mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur biex jaqdu fil-Qrati Superjuri, kull meta jeħtieġ skond dak il-Kodiċi, id-dmirijiet ta' avukati jew prokuraturi legali tal-foqra; u skond l-art. 928 ta' l-istess Kodiċi huwa maħsub meta l-kuraturi jiġu maħtura fil-Qrati Superjuri, barra mill-każijiet li fihom dak il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi;

Illi m'hemmx kwistjoni li dina l-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja Tagħha, f'każi msemmija mill-liġi, tista' taħtar

kuraturi "ex officio", kif jista' jidher, fost oħrajn, mill-art. 502 tal-Kap. 15;

Illi skond l-art. 470 tal-Kap. 15 hemm maħsub il-proċediment f'affarijiet ta' ġurisdizzjoni volontarja; u skond l-art. 44 tal-Kap. 23 ma tistax issir kawża għall-firda mingħajr is-setgħa mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Dina l-abilitazzjoni, jew permess l-aħħar imsemmi, trid tippreċedi neċessarjament it-talba fil-Qorti Kontenzjuża, li tarfettwa ruħha bil-preżentata taċ-ċitazzjoni jew tal-libell fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati; u hija meħtieġa sabiex jiġu ġurati u aċċertati l-mezzi kollha ta' rikonċiljazzjoni u ta' twarrib ta' talbiet bil-għaġla fis-saħna tal-mument bejn persuni li fuq l-unjoni tagħhom hija poġġuta s-soċjetà; u meta dawk l-istess mezzi jisfaw inutili, allura d-digriet għall-proċediment jiġi mogħti. Dina t-talba għall-awtorizzazzjoni msemmija timporta n-notifika tar-rikors lill-kontroparti; l-għaliex mingħajrha, u mingħajr l-esplorazzjoni tagħha f'materja hekk intima, ma jistgħux mill-Qorti jiġu tentati l-mezzi ta' rikonċiljazzjoni għalkemm fl-art. 473 tal-Kap. 15 il-liġi tgħid li l-Imħallef jista' jeżamina kull persuna fuq is-suġġett tat-talba;

Illi dina l-proċedura timxi pjana meta l-partijiet ikunu t-tnejn f'dawn il-Gżejjer; imma meta waħda minnhom tkun assenti fis-sens lat tal-kelma (u dan il-fatt kien jidher mill-intestatura tar-rikors — ara dok. fol. 8A. tal-proċess), jinqalgħu d-diffikultajiet. Jingħad, però, li tkun ħaġa inġusta u mhux ekwa, għaliex persuna tkun biddlet spontaneament ir-residenza tagħha u marret toqgħod barra minn dawn il-Gżejjer, li l-persuna l-oħra, li tkun magħha marbuta bi żwieġ, tkun u tiġi prekluża milli tirrendi operattiv l-art. 44 tal-Kodiċi Ċivili, jekk ikollha raġuni tajba sabiex tuża u teffettwa dak l-istess dispost tal-liġi, u jekk il-Qorti jkollha ġurisdizzjoni;

Illi fl-ipotesi sottomessa l-esplorazzjoni ta' parti waħda mill-miżżewġin biss setgħet issir, kif fil-fatt saret; u r-rakkomandazzjonijiet ta' rikonċiljazzjoni jistgħu biss isiru lill-parti li tkun preżenti f'dawn il-Gżejjer; u n-nomina ta' kuraturi "ex officio" sabiex jirrappreżentaw il-parti assenti. għall-finijiet ta' l-art. 44 tal-Kodiċi Ċivili, hija fil-verità in-

opportuna u ta' ebda utilità prattika; u lanqas issir tali għall-finijiet tan-notifika tar-rikors, jekk jiġi kunsidrat tajjeb l-art. 473 tal-Kap. 15. Meta tiġi però intavolata l-kawża, u dina biss tavvera ruħha meta ssir il-preżentata ta' l-att promotorju *tal-proċediment* fir-Reġistru ta' dina l-Qorti, in-nomina ta' kuraturi "ad litem" tista' tiġi magħmula minn dina l-Qorti skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi (ara art. 928 *u ta' wara Kap.* 15);

Illi, del resto, quddiem dina l-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha m'hemmx *leġittimu* kontradittur; u meta hija meħtieġa f'dik l-istess Qorti n-nomina ta' kuraturi "ex officio" tgħidu l-istess liġi espressament;

*Illi, barra minn dan li ntqal fuq,* mill-inkartament tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, wara d-Digriet nru. 681/655 jidher li, meta fuq *ir-rikors ta'* l-attriċi tas-26 ta' April, 1955, inħarġu l-bandi għad-deputa ta' kuraturi, ħadd ma ġie notifikat bihom; għaliex il-persuna li kellha *tiġi notifikata (Emmanuele Cauchi) ma ġietx* notifikata, kif jidher mir-riferta negattiva tat-2 ta' Mejju, 1955, (ara r-riferita fuq id-dahar tal-bandu), kif jitlob l-art. 930 tal-Kap. 15 — liema notifika hija ta' essenza sabiex ikunu maħtura l-kuraturi "ex officio", u liema nuqqas huwa ta' ordni publiku, bħal ma *huma l-liġijiet kollha tal-*Kodiċi di Rito, u jirrendi b'dan il-fatt ineffikaċi d-digriet tas-16 ta' Mejju, 1955, li bih ġew nominati l-kuraturi;

*Illi kwindi* l-eċċezzjoni tal-kuraturi, sew minħabba l-ewwel sew minħabba t-tieni raġuni, għall-motivi fuq espressi tidher li hija ġustifikata;

Għalhekk;

Tilqagħha, u tordna li l-kuraturi jiġu mqegħdin barra *mill-kawża; b'dana li l-attriċi tipproċedi* quddiem dina l-istess Qorti, li hija kompetenti, sabiex l-assenti jiġi rappreżentat minn kuraturi "*ex officio*" li għandhom jiġu minnha maħtura; bl-ispejjeż ta' l-inċident għall-attriċi.